# L-Agostinjani mir-Rabat għal Bormla?

Minn Patri Mark Cauchi OSA



Fil-vanġelu ta' San Ġwann jinsab dan l-hekk imsejjaħ sillogiżmu filosofiku: 'Fil-Bidu kien il-Verb ma' Alla. Hu kien fil-Bidu ma' Alla. Kollox kien sar bih u xejn ma sar mingħajru, kulma sar kellu jkun fih u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin. Id-dawl jiddi fid-dlam. Il-Verb sar Bniedem…'

Dan huwa sillogiżmu l-aktar ċar għall-ġrajja tal-Agostinjani tar-Rabat tal-Imdina fis-sena 1728 meta l-Agostinjani waħħlu f'rashom li mir-Rabat tal-Imdina imorru Bormla. Imma dan seħħ? Meta kien dan il-ħsieb jingħad li dawk kienu żminijiet imwera. Il-ġens ta' Nofs Qamar kien sikwiet jhedded b'xi invażjoni fuq il-Gżejjer Maltin. Għalhekk, l-Agostinjani li kien qrib l-Imdina (tir ta' pistola kienu dejjem mhedda mill-Gran Mastri li f'każ ta' Assedju jwaqqulhom il-kunvent u l-Knisja tagħhom biex ma jservux ta' fortizza għall-għadu.

Fi żmien Fra Beneguas, l-Agostinjani kienu għamlu miegħu trattat li bih kellha tgħaddi l-Grotta ta' San Pawl f'idejn l-Agostinjani. Il-Pirjol ta' dak iż-żmien kien il-Majj. Patri Anton Vella. Nhar il-15 t'Awwissu kien laqqa' lill-Komunità f'Kapitlu Konventwali biex jagħmlu l-kondizzjonijiet lil Fra Beneguas u jaċċettaw jew le dak li kien talab Beneguas mill-Agostinjani. F'dan il-Kapitlu, il-Patrijiet kienu unanimament favorevoli. Il-Gran Mastru Wignacourt daħal minn taħt u ħa f'idejh il-Grotta. Wara, il-Papa Alessandru VII kien tahom il-Knisja tal-Virtù.

Hawnhekk dawn ħadu l-pussess skont ir-ritwal, però ma tantx damu hemm. Fis-sena 1728, l-Agostinjani kienu waslu fi ftehim mal-Veneranda Assemblea dwar ix-xiri ta' bini. Iżda din spiċċat fix-xejn għax f'dik is-sena reġgħet faqqgħet ix-xnieha tal-Agostinjani li



ser jitilqu mir-Rabat ħdejn is-Saqqajja. Din id-darba mhux minħabba t-Torok, anki jekk dan kien intuża bħala mezz ta' skuża, imma jidher li kien hemm xi patri jew patrijiet li ssuġġerrew biex jiftħu kunvent u knisja f'Bormla fuq l-għolja hekk imsejħa ta' Santa Margerita. Jista' jkun li dan kien fil-post fejn hemm is-Sorijiet ta' Santa Margerita. (Cabreoa Ġużeppi Zammit 1766). Kieku ma kinitx l-oppożizzjoni tal-Kapitlu tal-Katidral u tal-Poplu ta' dawk l-inħawi kieku l-proġett kien jirnexxi.

L-istoriku Agostinjan Emanuel Letard jgħid f'manuskritt li kien jinsab fl-Arkivju tal-Patrijiet Franġiskani tar-Rabat, li hu wkoll sab din ir-relazzjoni. L-istess Kapitlu tal-Katidral kiteb lill-Ġeneral tal-Agostinjani biex ma jħallix lill-Patrijiet jitilqu minn San Mark u l-monasteru.

Dan il-manuskritt iġib ħafna raġunijiet li skont id-Deputati tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina u l-Pirjol Ġenerali tal-Ordni Agostinjan m'aċċettax t-talba tal-Patrijiet Agostinjani li kien hemm ir-Rabat u jgħalqu l-Kunvent u jiftħu ieħor u knisja f'Bormla.

Il-Vigarju Kapitulari (għax dak iż-żmien Malta ma kienx hemm Isqof tad-Djoċesi) imma kien Sede Vacante, beda biex qal li l-Patrijiet Agostinjani għandhom ħafna piżijiet ta' Quddies u Legati oħra mogħtija lilhom biex jitwettqu hemm u mhux f'post ieħor. Għandhom obbligu li fil-Knisja tas-Sorijiet ta' San Benedittu fl-Imdina. Barra minn hekk iqassmu l-ħobż lill-foqra kull nhar ta' Sibt u jagħtu l-minestra lill-ħabsin fil-ħabs tal-Imdina. Il-Kapitlu tal-Katidral saħaq li dawn l-għemejjel tal-ħniena lejn dawn in-nies inqas ixxurtjati kienu ser jispiċċaw jekk l-Agostinjani jitilqu. L-Agostinjani kienu jieħdu parti fil-proċessjonijiet kollha li joħorġu mill-Knisja Katidrali (ta' min ikun jaf li sa ftit żmien ilu kienu jieħdu parti fil-proċessjonijiet tal-Katidral li kienu ħafna).

Semmew ukoll li xi benefatturi kienu għażlu li jindifnu fil-Knisja tal-Agostinjani. L-Isqof Duminku Cubelles meta ta' lill-Knisja ta' San Mark ma tahiex għal xi żmien imma għal dejjem.

Kienu fid-dmir anki li jgħallmu hekk li fil-komunità kellu jkun hemm majjistru tat-Teoloġija biex jgħallem hemm. Il-Vigarju Kapitulari temm biex qal li l-Gvernatur tal-Imdina u hu kienu lesti biex jiftħu kawża kontra l-Patrijiet Agostinjani tar-Rabat tal-Imdina jekk ikomplu jinsistu li jridu jmorru Bormla u jħallu l-Kunvent u l-Knisja li kellhom fir-Rabat.



Ir-Reverendissimu Pirjol Ġenerali tal-Ordni Agostinjan għarbel sewwa dak kollu li nkiteb dwar ix-xewqa tal-Komunità Agostinjana ta' San Mark u ma aċċettax it-talba tagħhom biex mir-Rabat imorru Bormla.

Għalkemm l-Agostinjani qatt ma kienu Bormla, però Bormla dejjem tat lill-Ordni Agostinjani Reliġjużi u Saċerdoti f'kull żmien u mill-aħjar sal-lum.

## Referenzi:


Arkivju S. Mark Miscellania 17.
Ibid. 66c.
Cabreo Giuz. Zammit: 1760, p.30
Knisja S. Wistin, Valletta, M. Cauchi p.14
Letard Emanuel: Vol. VI pp.3-13
Cabreo Giuseppei Zammit 1766, pp.11



Fiona Stationery & Bazaar
6, Bonnici Market, Cospicua

Għal kull ma tista' tiġi bżonn
Issibu xelta vasta ta' affarijiet u rigali għal żmien il-Milied

Tawgura l-Festa t-Tajba lill-Bormliżi kollha